



# Il-pagi fl-Ewropa fis-seklu 21

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

Il-kwistjoni tal-pagi ġibdet attenzjoni partikolari fil-livell Ewropew sa mill-bidu tal-kriżi ekonomika. It-tibdil fil-governanza ekonomika, b'mod partikolari fis-Semestru Ewropew, wassal għal diskussjonijiet dwar il-mekkaniżmi tal-iffissar tal-pagi. Filwaqt li, b'mod ġenerali, ir-reġimi tan-negożjar tal-pagi baqgħu relattivament stabbli matul iż-żmien f'ħafna pajjiżi, it-tibdil l-iżjed sostanzjali rajnieh fl-Istati Membri li qed jiffaċċjaw ċirkostanzi ekonomiċi iżjed diffiċli.

Dan ir-rapport jipprovdi serje tal-ħin komparattiv dwar ir-riżultati tan-negożjar tal-pagi fl-Istati Membri tal-UE kollha u fin-Norveġja. Ir-rapport jippreżenta u jiddiskuti l-iżviluppi fil-pagi fl-isfond ta' reġimi differenti ta' negożjar tal-pagi u jħares lejn ir-rabta bejn il-pagi u l-iżviluppi fil-produttività (f'termini ta' kost ta' unità tax-xogħol nominali u reali).

Ir-rapport jinvestiga wkoll is-sistemi u l-livelli differenti tal-pagi minimi fl-Ewropa fil-preżent, billi jwettaq eżerċizzju ta' kontabbiltà permezz ta' xenarju ipotetiku ta' paga minima stabbilita bħala 60% tal-paga nazzjonali medja (b'xi xenarji alternattivi wkoll għal skopijiet ta' paragun) sabiex ikejjel u jevalwa l-livelli u s-sistemi tal-paga minima fl-Ewropa, u jiddiskuti l-possibiltajiet u d-diffikultajiet tal-koordinazzjoni f'din il-materja.

### Kuntest tal-politika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeskludi b'mod espliċitu l-pagi mis-sett tal-oqsma li fihom l-UE għandha kompetenzi biex tintervjeni u b'mod espliċitu jirrikonoxxi l-awtonomija tal-imsieħba soċjali fin-negożjar tal-pagi. Minkejja dan, l-iffissar tal-pagi ġie indirizzat mill-istituzzjonijiet Ewropej bħall-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew u anke l-Bank Ċentrali Ewropew għal mill-inqas żewġ deċennji fil-forma ta' dikjarazzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet dwar il-pagi u

l-politika relatata mal-pagi. Reċentement, dan sar komuni f'ħafna strumenti u forums ta' politika, b'mod partikolari permezz tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni li jirriżultaw mis-Semestru Ewropew u t-tentattiv tal-2013 biex jiġi stabbilit djalogu tripartitiku dwar l-iżviluppi fil-pagi. Dawn l-interventi wieħed irid jarahom fid-dawl tal-politiki mhux monetarji fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u t-talbiet għall-koordinazzjoni aħjar tal-politika makroekonomika, fuq in-naħa l-waħda, u l-politiki fiskali u dwar il-pagi fuq in-naħa l-oħra.

### Sejbiet ewlenin

#### L-iżviluppi fil-pagi fid-dawl ta' reġimi differenti ta' negożjar tal-pagi

Il-pagi maqbula fuq bażi kollettiva – sal-punt iżjed mill-kumpens attwali – jidher li għandhom rwol ta' xi forma ta' assigurazzjoni għall-impjegati fi żminijiet ta' kriżi. Dawn ma jseguwux mill-qrib il-varjazzjonijiet fil-produttività.

B'mod simili għal ħafna studji oħra, ma nstabet l-ebda konnessjoni ċara bejn is-sistemi tan-negożjar u r-rabta tal-pagi mal-produttività fuq perjodu ta' żmien medju. Reġimi differenti jistgħu jipproduċu riżultati simili u reġimi simili jistgħu jipproduċu riżultati differenti f'termini tar-rabta tal-pagi mal-produttività (f'termini ta' kost ta' unità tax-xogħol nominali).

Fl-aspett distributtiv tal-pagi f'termini ta' kost ta' unità tax-xogħol reali jew is-sehem tal-pagi fl-ekonomija, ix-xejra ġenerali kienet ta' sehem tal-pagi li qed jonqos fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; is-sehem tal-pagi kien qed jikber biss fir-Repubblika Ċeka, fil-Finlandja u fir-Renju Unit. Madankollu, ir-ritorn lejn żieda f'dan is-sehem kien osservat f'ħafna Stati Membri fil-perjodu ta' matul u wara l-kriżi. Filwaqt li t-tnaqqis osservat bl-iżjed mod komuni fis-sehem tal-pagi kien mifrux indaqs tul it-tipi kollha tar-reġimi

tan-negozjar, ir-ritorn ċikliku għat-tkabbir seħħ b'mod predominanti f'reġimi mhux deċentralizzati. Madankollu, dan ma jistax jiġi separat totalment mill-fatt li l-pajjiżi li kienu affettwati l-iżjed mill-kriżi (u għaldaqstant esperjenzaw l-ikbar tnaqqis fil-pagi) ma rawx dan it-tibdil fix-xejra.

Fil-livell settorjali, id-disparitajiet f'termini ta' pagi maqbula b'mod kollettiv żdiedu maż-żmien bejn is-settur pubbliku (il-gvern lokali u s-servizz pubbliku) u s-setturi privati koperti f'dan l-istudju (is-settur tal-metall, tal-kimiċi, tal-bejgħ bl-imnut u dak bankarju).

### **Il-politiki u l-livelli tal-paga minima fl-Ewropa: eżerċizzju ta' kontabbiltà**

Minkejja li l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom mekkaniżmi jaħdmu biex jstabilixxu l-pagi minimi, teżisti varjetà wiesgħa f'termini tas-sistemi u l-livelli effettivi ta' pagi minimi, u dan sal-punt tal-impjegji bi ħlas baxx. Ġie diskuss l-istabiliment ta' kriterji komuni għall-politika dwar il-paga minima (pereżempju, livell limitu komuni ta' 60% tal-medja nazzjonali). L-impatt tal-istabiliment ta' kriterji komuni b'hal dawn ivarja b'mod konsiderevoli bejn il-pajjiżi, u jiddependi wkoll mill-grad u l-mod tal-koordinazzjoni (minn purament volontarja għal regolamentazzjoni ċentrali).

L-ikbar diffikultajiet istituzzjonali ta' tali koordinazzjoni aktarx li jkunu assoċjati mal-pajjiżi fejn il-pagi minimi huma stabbiliti b'negozjar kollettiv, għaliex dan jinvolvi tibdil f'din is-sistema (pereżempju, l-istabiliment ta' paga minima statutorja sottostanti għall-pagi maqbula b'mod kollettiv) jew grad għoli ta' koordinazzjoni bl-azzjonijiet tal-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali.

L-impatt kwantitattiv, imkejje b'halha l-proporzjon ta' ħaddiema li attwalment jinsabu taħt il-livell limitu ipotetiku tal-paga minima tal-UE ta' 60% tal-medja nazzjonali, ivarja wkoll b'mod konsiderevoli tul il-pajjiżi: ikun l-ikbar fil-pajjiżi Baltiċi, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Polonja, ir-Rumanija u r-Renju Unit, u l-iżgħar fil-Belġju, Franza, il-pajjiżi Nordiċi, il-Portugall u s-Slovakkja.

Fil-każ ipotetiku ta' politika koordinata dwar il-paga minima, il-pajjiżi fejn l-impatt istituzzjonali ta' politika komuni tal-UE dwar il-paga minima jkun l-akbar huma dawk fejn l-impatt kwantitattiv ikun l-iżgħar u viċe versa. Dan għaliex il-pajjiżi b'pigi minimi maqbula b'mod kollettiv aktarx li jkollhom sehem iżjed baxx ta' ħaddiema bi ħlas baxx, u għalhekk l-impatt tal-politika komuni jkun iżgħar, minn pajjiżi b'pigi minimi statutorji. L-eċċezzjoni l-kbira hija l-Ġermanja,

fejn il-pagi minimi maqbula b'mod kollettiv jeżistu flimkien mal-ikbar proporzjon ta' ħaddiema bi ħlas baxx.

Il-kriterji ta' paga minima ta' 60% tal-medja tal-paga nazzjonali jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa u lill-ħaddiema żgħażaġħ, għaliex dawn il-gruppi aktar għandhom probabbiltà li jkollhom impjegji bi ħlas baxx. L-ikbar impatt ikun fis-setturi tas-servizzi personali u fil-kumpaniji ż-żgħar.

## **Indikazzjonijiet tal-politika**

Il-pagi maqbula b'mod kollettiv spiss jiġu injorati fid-diskussjonijiet dwar l-iżviluppi fil-pagi: l-ebda dejta armonizzata ma hija disponibbli, u l-lakuni fid-dejta u fl-għarfien madwar il-mekkaniżmi tal-iffissar tal-pagi huma persistenti. Madankollu, il-pagi maqbula b'mod kollettiv huma mutur importanti tal-pagi attwali f'ħafna pajjiżi, u huma l-komponent tal-paga li jista' jiġi influwenzat l-iżjed mill-atturi involuti. Għalhekk, huwa meħtieġ fehim aħjar ta' kif il-pagi maqbula b'mod kollettiv jirrelataw mar-riżultati tal-pagi attwali.

Fir-rigward taż-żewġ indikaturi ċentrali li jiġbru l-iżviluppi fil-pagi f'relazzjoni mal-iżviluppi fil-produttività (kost ta' unità tax-xogħol nominali u reali), huwa importanti li ninnotaw xi nuqqasijiet: l-interpretazzjoni attwali tat-tnejn li huma tħares biss lejn it-tibdil fihom fuq ċertu perjodu ta' żmien, filwaqt li l-livelli inizjali tagħhom u l-punti tal-bidu rispettivi tagħhom fir-rigward ta' pajjiżi oħra qed jiġu essenzjalment injorati.

It-trattati eżistenti jeskludu b'mod kategoriku l-pagi mill-kompetenzi tal-UE. Għalhekk, kwalunkwe forma ta' koordinazzjoni tal-politiki dwar il-paga minima teħtieġ tibdil sinifikanti fit-trattati jew xi forma ta' koordinazzjoni mhux vinkolanti volontarja fil-livell tal-gvernijiet jew tal-imsieħba soċjali.

Għalkemm fil-preżent l-Istati Membri kollha għandhom xi forma ta' pagi minimi, il-varjetà wiesgħa ta' sistemi tul il-pajjiżi tagħmel l-approċċ koordinat iżjed diffiċli. Fil-prinċipju, kwalunkwe forma ta' koordinazzjoni probabbilment tkun iżjed faċli fil-pajjiżi b'sistemi ta' paga minima statutorja milli f'pajjiżi fejn il-pagi minimi jinqablu b'mod kollettiv. Il-mekkaniżmi b'liġijiet mhux vinkolanti, madankollu, jistgħu jippermettu l-iżvilupp ta' oqfsa komuni filwaqt li jirrispettaw id-differenzi istituzzjonali nazzjonali.

### **Aktar informazzjoni**

Ir-rapport Il-Pagi fl-Ewropa fis-seklu 21 huwa disponibbli fuq il-websajt: <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1388.htm>

Għal iżjed tagħrif, tista' tikkuntatta lil Jorge Cabrita, Uffiċjal tar-Riċerka, bil-posta elettronika fuq [jca@eurofound.europa.eu](mailto:jca@eurofound.europa.eu)